MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Numru 14/2011

Ir-**Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Roger Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-Att ta’ Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-22 ta’ Ġunju 2011 kontra Roger Agius li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Roger Agius (1) fl-Ewwel Kap b’omiċidju volontarju u ċioe` talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f’periklu ċar, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u kkaġunalha l-mewt, kif ukoll li huwa reċidiv f’delitt; (2) fit-Tieni Kap talli fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna, u ċioe` omiċidju volontarju fuq il-persuna ta’ Catherine Agius kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari u ma kienx qiegħed iġorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari għal xi għan leġittimu, kif ukoll li huwa reċidiv f’delitt; (3) fit-Tielet Kap talli kien qed iġorr ’il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll li huwa reċidiv f’delitt;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta’ l-10 ta’ Jannar 2012 fejn dik il-Qorti wara li fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 2012, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex ħati skont l-Att tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu, u wara li l-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, baqa’ jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati, iddikjarat għalhekk lill-ħati Roger Agius, reċidiv, ħati talli:

1. fit-13 ta’ Lulju 2009 għall-habta tas-sitta neqsin ħamsa ta’ filgħaxija, ġewwa Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal-Tarxien, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f’periklu ċar, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u kkaġunalha l-mewt, u dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża;

2. fit-13 ta' Lulju 2009, għall-ħabta tas-sitta neqsin ħamsa ta' filgħaxija, ġewwa Triq it-Tempji Neolitici, Ħal-Tarxien, fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna, u ċioe` omiċidju volontarju fuq il-persuna ta' Catherine Agius kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u ma kienx qiegħed iġorr dik l-arma tan-nar jew arma regolari għal xi għan leġittimu, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

3. fit-13 ta' Lulju 2009, għall-habta tas-sitta neqsin ħamsa ta' filgħaxija ġewwa Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal-Tarxien, kien qed iġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-Ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 6, 51(7), 55(a) u 61 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 17(h), 31(e), 49, 50, 211 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati Roger Agius għall-piena ta' wieħed u tletin (31) sena priġunerija mil-liema perjodu għandu jitnaqqas kull żmien li l-akkużat għadda taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ. Inoltre kkundannatu jħallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' import tal-ispejjeż peritali inkorsi f'din il-kawża u ċioe` tlett elef, seba` mija u dsatax-il Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€3,719.73) liema spejjeż peritali jekk ma jitħallsux fi żmien sitt xhur jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi. Dan wara li l-ewwel Qorti kkunsidrat is-segwenti:

> **"Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.**
>
> **"Semgħet lill-akkużat li għażel li jixhed minn jeddu dwar il-każ. Il-fatti li semma huma prattikament dawk li jinsabu fl-istqarrija li hu kien liberalment għamel**

lill-Pulizija. Huwa semma s-suspett li kien daħallu bħala l-bidu tal-inkwiet. Imbagħad, hekk kif bdew il-proċeduri tas-separazzjoni, il-punt kruċjali kien kif ser jinqasmu ż-żewġ postijiet. Wieħed minnhom kien donazzjoni magħmula qabel iż-żwieġ minn missier il-vittma lill-vittma. L-akkużat xehed li kienu nħarġu l-flus għal dan il-post u li din ma kienet donazzjoni xejn. Huwa allega li l-kuntratt kien wieħed simulat. Kompla jgħid li l-vittma kienet offendietu meta huwa mar jistennieha biex jara kif ser jibqgħu dwar din il-problema. Huwa ċaħad li qabel kien għamel xi theddid li kien jinkludi l-użu ta' sikkina.

"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant, li jinsabu kollha reġistrati w senjatament, imma mhux biss is-segwenti :-

"Illi dan huwa reat dwar tneħħija ta' ħajja li sar bi premeditazzjoni. Ir-reat seħħ wara li l-ħati kien mar jixtri sigarett u imbagħad mar jistenna lil martu. Ir-reat sar fi sfond ta' separazzjoni li kienet ilha sejra erba' xhur. Martu kienet mara taħdem u bieżla u ċċaħdet minn kollox. L-akkużat keċċa lilha u lit-tlitt itfal u ma kienx jagħtiha manteniment. Huwa kien jaf fi x'ħin hi kienet tispiċċa mix-xogħol. Imbagħad taha d-daqqa mortali kif tidher fl-X Ray. L-akkużat mar l-għassa fejn għamel rapport fuq dak li ġara u talab li jaħsel idu, sigarett u kikkra kafe`. Huwa qatt ma wera rimors u l-mottiv kien il-flus. M'hemm ebda prova li kien hemm xi adulterju u l-kontraċettivi li nstabu kienu skaduti. L-inkwiet kollu minħabba żewġ postijiet li wieħed minnhom kien parafernali. Is-soluzzjoni dwarhom żgur ma kinitx li wieħed jattakka lil martu bis-sikkina. Il-Prosekuzzjoni hawn semmiet ukoll diversi sentenzi li jinvolvu omiċidji fejn ingħataw pieni bħal 28 sena, 31 sena u 26 sena.

"Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-parte civili, li filwaqt li rreferiet għal dak li jgħid l-artikolu 492 tal-Kap 9, issottomettiet li l-piena idonea hija dik ta' priġunerija għal għomor meta tqis li l-ħati huwa reċidiv ukoll. L-ammissjoni kienet waħda tardiva ħafna u wkoll waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 il-ħati kien għadu qed jipprova jiġġustifika ruħu u ma weriex rimors. L-ebda adulterju ma jirriżulta mill-atti u l-ħati seta' kieku ried iġib provi ta' dan matul l-istruttorja (artikolu 405)(5) tal-Kap 9) iżda dan m'għamlux.

"Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr.Malcolm Mifsud li jinsabu kollha reġistrati w senjatament, imma mhux biss is-segwenti :-

**“Id-difiża tifhem li l-parte ċivili tagħmel ċerti sottomissjonijiet għax għaddew minn trawma serja iżda s-sistema Maltija mhix waħda ta’ tpattija. L-ammissjoni tal-akkużat għandha ttaffi din it-trawma. Id-difiża ssottomettiet li l-ammissjoni ma saritx fis-seduta tad-9 ta’ Jannar 2012 iżda saret ħames minuti biss wara li sar ir-reat meta l-ħati mar minn jeddu fl-għassa tal-pulizija u spjega x’kien ġara. Kompliet tgħid id-difiża li huwa sinifikanti ħafna li l-Pulizija ma ħlietx ħin u riżorsi sabiex tagħmel xi tfittxija għall-ħati għax dan ta ruħu b’idejh. Id-difiża għamlitha ċara wkoll li l-ħati ma marx l-għassa biex ipejjep iżda mar hemm biex jagħmel stqarrija dwar dak kollu li ġara.**

**“Id-difiża ssottomettiet ukoll li min ikun qed jissepara jkun għaddej minn stress kbir u dan ikollu effett fuq għemil il-persuni involuti. Il-klijent tiegħu kien għaddej minn dan l-istress. Imbagħad ġaladarba jibda t-tilwim dwar it-taqsim tal-propjeta` speċjalment dik immobbli, allura l-pressjonijiet jikbru. Id-difiża ssottomettiet ukoll li f’każ meta d-donazzjoni tkun saret bejn ġenitur u wild, ma jkunx hemm taxxa imposta. Id-difiża fl-aħħarnett ssottomettiet li f’kull kundanna wieħed għandu jqis ir-riforma tal-ħati u rreferiet ukoll għal sentenza mogħtija fit-tnax ta’ Mejju 2003 fejn persuna kienet ammettiet omiċidju u kienet ikkundannata 25 sena priġunerija.**

**“Ikkunsidrat**

**“Li r-reat deskritt fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża huwa wieħed serju ħafna għaliex fisser it-tmiem ta’ ħajja ta’ persuna. Fisser ukoll dulur kbir għall-familjari tal-vittma li ser jibqgħu iħossu t-telfa ta’ binthom jew ta’ oħthom waqt li l-ulied iridu jgħaddu ħajjithom bla omm. Il-mottiv għal dan ir-reat huwa wieħed inkwetanti għaliex dan kien marbut ma’ qsim tal-propjeta’ mmobbli waqt proċeduri ta’ separazzjoni. Jikbru kemm jikbru l-pressjonijiet waqt li qed issir is-separazzjoni, ħadd qatt ma jista’ jkun skużat li b’xi mod jattakka lill-parti l-oħra.**

**“Lanqas ma huwa skużat il-ħati għaliex, kif allega, l-vittma indirizzat xi kliem lejh li lilu m’għoġbux. Bniedem raġonevoli, b’test oġġettiv, ma jġibx ruħu b’dan il-mod.**

**"Il-Qorti qed tagħmel dawn il-punti ċari kemm jista' jkun biex jifhimhom kulħadd. Ħadd m'għandu jaħseb li xi persuna tista' taqbad u tieħu l-liġi f'idejha għax għaddejja minn xi pressjonijiet, huma x'inhuma dawn il-pressjonijiet u jinkludu dak l-inkwiet kollu li jinqala' waqt xi separazzjoni. Anzi din is-sentenza għandha tittieħed bħala twiddiba serja lil kull min jaħseb li jista' jaggredixxi lil martu jew lill-partner tiegħu.**

**"Konsiderazzjonijiet tekniċi**

**"Qieset li r-reċidiva kienet ippruvata. Il-fedina penali tal-ħati hija taħlita ta' ammendi, multi, sospensjoni tal-liċenzja ordni tal-*probation*, ksur tal-ordni tal-probation li ġabet magħha kundanna ta' priġunerija (li tidher li hija l-unika kundanna ta' priġunerija) . Ħafna mill-kundanni saru bejn l-1981 u l-1996. Imbagħad il-kundanni waqfu għal kollox għal tnax-il sena u reġgħu bdew fis-sena 2008.**

**"Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero` ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni. Id-difiża ssottomettiet li l-ammissjoni saret mal-istqarrija għand il-Pulizija iżda din mhix l-ammissjoni li trid il-Liġi għax l-ammissjoni fl-istqarrija tista' faċilment tinbidel f'mhux ħati fil-preżentata.**

**"Qieset li t-tieni u t-tielet kapi tal-akkuża huma assorbiti fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża bħala mezz għall-fini u dan ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.**

**"Qieset fl-aħħarnett l-artikolu 492 (1) tal-Kap 9 li jiddisponi kif ġej:**

**"'(1) Meta f'xi stadju qabel jiġi fformat il-ġuri l-akkużat jammetti l-ħtija tiegħu u għall-fatt li jiġi ammess mill-akkużat ikun hemm stabbilita l-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-qorti tista', minflok il-piena msemmija, tagħti l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmintax-il sena sa tletin sena.'**

**"Wara li qieset pieni fis-sentenzi indikati kemm mill-Prosekuzzjoni u kemm mid-difiża, il-Qorti sejra tmur oltre l-massimu indikat f'dan l-artikolu minħabba (a) in-natura tal-fatti tal-każ inkluża r-reċidiva; (b) l-element ta' predeterminazzjoni fl-att innifsu; (ċ) in-nuqqas ta' rimors muri mill-ħati ; u (d) kif ukoll biex kulħadd jiftaħ għajnejh u jkun jaf x'pieni hemm fil-Liġi għal min jazzarda jerfa' jdejh fuq xi persuna oħra."**

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Roger Agius ppreżentat fl-24 ta' Jannar 2012 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata għal dik li hi piena billi tinfliġġi piena fil-limiti tal-liġi u li tirrispekkja ċ-ċirkostanzi tal-każ; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant għandu aggravju wieħed li huwa dwar il-piena li huwa jqis eċċessiva. Huwa jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

"Illi ghalkemm kien hemm ammissjoni f'dan il-guri li minkejja kien fl-ahhar stadju ta' qabel li jigi kompost il-guri, hemm indikazzjoni cara li l-appellant assista lill-pulizija bl-investigazzjoni billi hu stess mar l-ghassa tal-pulizija hames minuti wara l-incidenti sabiex jirrapporta dak li kien ghamel. Kien ta stqarrija lill-pulizija b'mod volontarju, liema stqarrija mhix qeghda tigi kontestata.

"Illi l-appellant fix-xhieda tieghu spjega fid-dettal dak li kien gara u l-pressjoni enormi li kien ghaddej, fejn ragel ta' familja spicca ruhu hekk wara l-mara tieghu riedet is-separazzjoni hi u di piu` riedet tiehu vantagg ta' kuntratt li kien simulat.

"Illi l-appellant ma jaqbilx mar-ragunar ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li tat impressjoni li mis-sena 2008 rega' beda xi hajja kriminali. Ir-reati li kien kkundannat bihom kienu jikkoncernaw reati marbuta mal-VAT u ma kellux reati vjolenti. Ir-reati tal-VAT huma reati amministrattivi ghaliex persuna ma tkunx dahlet ir-returns jew fil-hin jew minghajr il-flus. Wiehed ma jistax jasal ghall-

konkluzjoni li ghas-semplici fatt li kien gie kkundannat b'dawn it-tip ta' reat, b'hekk sar xi kriminali. Huwa surreali li l-Qorti tqis dan bhala xi fattur. Huwa minnu li teknikament huwa recidiv ghaliex il-ligi tqis tali reati bhala reati bil-konsegwenzi kollha. Izda Qorti ghandha taghmel differenza bejn reat u reat iehor.

"Illi l-prosekuzzjoni talbet ghall-piena ta' ghomor mhux ghaliex emmnet li dan il-kaz kien jisthoqq l-ghomor, izda ghaliex it-tentattivi ta' transazzjoni u ta' qbil fuq il-piena fallew u l-prosekuzzjoni uzat it-tattika ta' *bullying*, fejn jekk wiehed ma jaqbilx maghha b'hekk kienet se titlob il-massimu. Din ma kinitx il-pozizzjoni tal-prosekuzzjoni ftit granet qabel is-sentenza.

"Illi l-appellant insista li l-Qrati taghna tuza l-istess kriterji bhal ma uzat f'kazijiet ohra. Principalment li hafna drabi l-ghomor tinghata fejn ikun hemm omicidju doppju jew aktar. Jekk niehdu l-ahhar guri ta' omicidju domestiku, fejn Sergii Nykytiuk kien gie misjub hati minn guri ta' omicidju volontarju ta' martu u fis-26 ta Ottubru 2011 inghata sentenza ta' hamsa u ghoxrin (25) sena. Huwa minnu li s-sentenzi huma arti, izda min huwa suggett ghal dik is-sentenza ghandu jifhem kif il-Qorti waslet ghal tali sentenza. It-tieni u t-tielet kapi ta' akkuza gew assorbiti, u b'hekk ir-recidiva m'ghandux jitla' aktar minn dak stabbilit fl-artikolu 492(1) tal-Kap 9, jigifieri tletin sena.

"Illi sincerament tali sentenza tisskoraggixxi akkuzati li jammettu l-kazijiet taghhom anki jekk ikunu hatja. Jekk ammissjoni jew kontestazzjoni jasal ghall-istess konkluzjoni, akkuzat jista liberalment jikkontesta l-akkuzi bit-tama li l-gurati jifhmu l-pozizzjoni taghhom u/jew il-prosekuzzjoni u/jew il-Qorti taghmel xi zball u l-proceduri jigu nulli jew inkella prova vitali tkun tista' titressaq.

"Illi l-appellant jaghmel referenza ghall-mottivi ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li l-omicidju kien gie predeterminat. L-appellant sew l-istqarrija tieghu u mix-xhieda tieghu qal car u tond li ma kienx mar fuq il-bus stop biex joqtolha. L-appellant m'ghandu l-ebda mottiv li jigdeb, meta hu stess mar ghand il-pulizija sabiex jghidilhom x'ghamel. Ta dettalji kollha mehtiega u kollha gew verifikati u konfermati. B'hekk x'kien il-mottiv li jahbi l-fatt li kien ppjana d-delitt. Hija biss it-teorija tal-prosekuzzjoni sabiex joskuraw l-appellant, izda m'hemm provi ta xejn li tali delitt kien predeterminat.

"Illi ghar-rigward ta' nuqqas ta' rimors, l-ammissjoni tieghu kienet immottivata minhabba r-rimors, u principalment ma riedx it-tfal tieghu jghaddu minn gimgha ta' ansjeta` li jaqraw fil-gazzetti u jisimghu fl-ahbarijiet fuq dettalji tal-hajja privata tal-genituri taghhom. Huwa quddiem il-Qorti qal li kien jiddispjacieh ta' dak li kien ghamel, izda jidher car li huwa rrabjat li tpogga f'din is-sitwazzjoni. Hu jhoss li ghamel minn kollox sabiex jzomm il-familja maghquda, haga li l-genituri u oht Catherine Agius ma jaqblux maghha. Minkejja hekk l-appellant hass li ried ikollu familja maghquda flimkien u jekk ma kienx ghal indhil ta' familjari forsi kien ikun hemm prospettivi ahjar.

"Illi l-ahhar punt li semma din is-sentenza ghandha tintuza "biex kulhadd jiftah ghajnejh u jkun jaf x'pieni hemm fil-ligi ghal min jazzarda jerfa' jdejh fuq xi persuna ohra". Bir-rispett kollu, sentenza m'ghandhiex tkun *press release* jew nuzaw kaz biex ikun ezempju ghal haddiehor. Sentenza ghal taghti gustizzja fuq kaz partikolari u kien hemm l-elementi kollha sabiex il-Qorti taghti sentenza anqas minn dik li tat. Fil-fatt odjern anki jekk il-Qorti tat il-minimu skond l-Artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali, jigifieri 18-il sena (haga li l-appellant ma kienx qed jistenna l-anqas) kien johrog mill-habs kwazi ta' sittin sena. Bis-sentenza li inghata se johrog mill-habs ta' tmenin sena."

**6.** Qabel xejn irid jiġi rimarkat li dan huwa każ fejn l-appellant ammetta quddiem l-ewwel Qorti l-akkużi dedotti kontra tiegħu, u li huwa ppersista f'din l-ammissjoni anke wara li ngħata ftit żmien biex jirrifletti fuq il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tiegħu. Tali ammissjoni <u>tekwivali għal verdett unanimu tal-ġurati</u>.

**7.** Issa, kif din il-Qorti kellha okkażjoni tosserva drabi oħra[1], fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-

[1] Ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta vs Serag F. H. Ben Abid** ta' l-4 ta' Dicembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Fabian Galea et** tad-29 ta' Lulju 2004.

responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali, pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.

**8.** L-ewwel punt li jrid jiġi deċiż huwa jekk il-piena nflitta tidħolx fil-parametri tal-liġi. Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet illi "t-tieni u t-tielet kapi tal-akkuża huma assorbiti fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża bħala mezz għall-fini u dan ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9". Dan ifisser illi "għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi". Fil-każ odjern ir-reat l-aktar gravi huwa dak fl-Ewwel Kap fejn il-piena hija dik ta' priġunerija għall-għomor. In vista ta' l-ammissjoni ta' l-appellant, il-Qorti Kriminali għandha l-fakulta` li tapplika s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 492 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif ġej:

> **"Meta f'xi stadju qabel jiġi fformat il-ġuri l-akkużat jammetti l-ħtija tiegħu u għall-fatt li jiġi ammess mill-akkużat ikun hemm stabbilita l-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-qorti tista', minflok il-piena msemmija, tagħti l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmintax-il sena sa tletin sena."**

**9.** Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Sant** mogħtija fis-17 ta' Frar 2011, din il-Qorti diversament komposta kienet ikkummentat hekk dwar l-artikolu 492(1) imsemmi:

> **"17. Fil-kaz in ezami ma giex celebrat il-guri fir-rigward ta' l-appellant Carmelo Sant in vista ta' l-ammissjoni tieghu. L-appellant jghid li l-piena kellha tonqos skond l-artikolu 31(1) tal-Kodici Kriminali kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-reati. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-artikolu 31 ma japplika xejn ghall-**

**fattispecje ta' dan il-kaz. Dak l-artikolu hu applikabbli biss fl-eventwalita` li l-Qorti tkun mehtiega mil-ligi li tirrikorri, kif jghid l-istess artikolu, ghal "it-tlugh jew l-inzul minn grad ta' piena ghal grad iehor." Dan qatt ma kien il-kaz hawn. Il-ligi qatt ma pprovdiet, anqas fi zmien ir-reat u qabel l-emenda li introduciet is-subinciz (1) tal-artikolu 492, li fil-kaz ta' ammissjoni ghandu jkun hemm xi tnaqqis fil-piena ta' prigunerija ghall-ghomor. <u>Il-piena ghall-htija ta' omicidju volontarju, kemm qabel l-emenda kif ukoll wara l-emenda, baqghet il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor u dan skond l-artikolu 211(1) tal-Kodici Kriminali li ma kien hemm ebda bdil fih. Qabel l-emenda l-prigunerija ghall-ghomor kienet mandatorja ghal sejbien ta' htija wara ammissjoni (kuntrarjament fejn il-gurija ma tkunx unanima fil-verdett taghha). Li gara bl-emenda li introduciet is-subinciz (1) tal-artikolu 492 huwa li l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma baqghetx izjed mandatorja izda saret biss diskrezzjonarja jekk il-Qorti jidhrilha li tista' tirrikorri ghal piena fil-parametri tas-subinciz imsemmi. Dak li sar bl-introduzzjoni tas-subinciz (1) tal-artikolu 492 tal-Kodici Kriminali hu li fl-eventwalita` ta' ammissjoni l-ligi pprovdiet ghall-possibilita` ta' parametri ta' piena anqas gravuzi mill-piena ta' prigunerija ghall-ghomor li altrimenti kienet tkun applikabbli qabel l-emenda u dan fl-eventwalita` li l-Qorti jkun jidhrilha li tista' timmitiga l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor meta l-akkuzat jammetti l-akkuza li tkun timporta tali piena</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**10.** Evidentement fil-każ in eżami l-ewwel Qorti eżerċitat il-poter diskrezzjonarju tagħha sabiex minflok timponi l-piena għall-għomor timponi piena determinata. Dan setgħet tagħmlu bis-saħħa ta' l-artikolu 492(1) imsemmi. Iżda mbagħad iddeċidiet li tmur oltre l-massimu ta' tletin sena għal numru ta' raġunijiet, u cioe` "(a) in-natura tal-fatti tal-każ inkluża r-reċidiva; (b) l-element ta' predeterminazzjoni fl-att innifsu; (ċ) in-nuqqas ta' rimors muri mill-ħati; u (d) kif ukoll biex kulħadd jiftaħ għajnejh u jkun jaf x'pieni hemm fil-Liġi għal min jażżarda jerfa' jdejh fuq xi persuna oħra."

**11.** Issa, permezz ta' l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iż-żieda (diskrezzjonarja) fil-piena minħabba r-reċidiva hija ta' grad wieħed. Mela jekk Qorti timponi piena ta' tletin sena bis-saħħa ta' l-artikolu 492(1) tal-Kap. 9 u tgħolliha bi grad, skont l-artikolu 31(1)(e) mal-piena ta' tletin sena priġunerija "tiżdied ... l-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perjodu, jew billi jiżdiedu pieni oħra stabbiliti fir-regolamenti tal-ħabs". Dan ifisser li l-massimu

tal-piena ta' priġunerija jibqa' tletin sena. Fil-każ odjern, għalhekk, il-piena ta' priġunerija ma setgħetx teċċedi il-perjodu ta' tletin sena (sija jekk in vista ta' l-ammissjoni ta' l-appellant, sija jekk bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 492(1) flimkien ma' l-artikolu 50)[2]. Il-fatturi l-oħra msemmija mill-ewwel Qorti mhumiex fatturi li waħedhom jippermettu żieda oltre l-massimu ta' tletin sena. L-ewwel Qorti, kif ingħad, setgħet żiedet il-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perjodu jew żiedet pieni oħra stabbiliti fir-regolamenti tal-ħabs iżda dan ma għamlitux u f'dan l-istadju anqas din il-Qorti ma tista' tagħmlu.

**12.** L-appellant, pero`, jippretendi li l-piena għandha tkun saħansitra anqas minn tletin sena. Jirreferi b'mod partikolari għal sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-26 ta ' Ottubru 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Sergii Nykytiuk** fejn l-akkużat instab ħati minn ġuri b'verdett ta' sebgħa bi tnejn ta' l-omiċidju volontarju tal-mara tiegħu. Skont l-akkuża li għaliha tirreferi dik is-sentenza, l-akkużat Sergii Nykytiuk kellu ġlieda ma' martu Liudmyla Nykytiuk ġewwa l-blokk ta' appartamenti fejn kienu jirrisjedu, l-akkużat ġera warajha fl-indana ta' dan il-blokk ta' appartamenti, u waqt li martu kienet qed tipprova taħrab minn żewġha l-akkużat, hija waqgħet diversi sulari fix-xaft tal-lift. Għalkemm l-akkużat semagħha tokrob bl-uġiegħ, minflok ġab għajnuna jew taha assistenza huwa abbandunaha. Spiss jingħad illi l-paraguni huma odjużi. Huwa evidenti illi fil-każ ta' Nykytiuk iċ-ċirkostanzi huma differenti minn dawk fil-każ odjern, anke in vista tal-fatt li hemm ġie ċelebrat il-ġuri u l-verdett ma kienx wieħed unanimu. Għalhekk il-pretensjoni ta' l-appellant illi b'xi mod jiġi trattat bl-istess mod hija pretensjoni fiergħa.

**13.** Kwantu għall-fatturi l-oħra li semmiet l-ewwel Qorti, din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi, hi tal-fehma illi l-ewwel Qorti kienet korretta fl-analiżi li

[2] Is-sitwazzjoni fil-każ ta' ammissjoni hija differenti minn dik fejn il-ġurati ma jkunux unanimi fejn, allura, il-qorti tista' tagħti piena ta' priġunerija għal żmien li ma jkunx anqas minn tnax-il sena minflok il-piena ta' priġunerija għall-għomor. Il-piena f'tali sitwazzjoni hi ta' bejn tnax-il sena u l-għomor. Ara f'dar-rigward paragrafu 37 tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Pace** fid-19 ta' Mejju 2011.

għamlet taċ-ċirkostanzi. Inoltre ssib inkwetanti għall-aħħar, jekk mhux ukoll xokkanti, did-dikjarazzjoni li għamel l-appellant fix-xiehda li ta quddiem l-ewwel Qorti: *"Lit-tfal meta kienu miegħi dejjem għidtilhom intom tagħmlux bħali la tikber – għax kont nixrob naqra vwoldieri jien, b'daqshekk kulħadd jaf – għidtilhom kunu bħall-mummy. Meta ġara l-każ għidtilhom meta tikbru aħjar tkunu bħali milli bħal ommkom, għax jien ma kissirtx familja, jien bnejtha l-familja, hi kissret l-familja u beda l-inkwiet."*

**14.** Din il-Qorti hi disturbata mill-gravita` ta' dan il-każ, u partikolarment il-mod determinat u vjolenti li bih l-appellant niffed lil martu bis-sikkina (b'xafra ta' tletin ċentimetru li nifditha kollha) li kellu fil-baskett. M'hemmx dubju illi meta jiġru każijiet bħal dak in diżamina, min ikun responsabbli jrid jirrispondi ta' għemilu permezz ta' piena adegwatament ħarxa.

**15.** Fis-sentenza taghha tad-19 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Basam Mohamed Gaballa** din il-Qorti diversament komposta fissret li **"l-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f'moħħha fil-għoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeċi partikolari tal-każ u l-piena erogata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem)".** Fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-każ in eżami tali proporzjonalita` teżisti. Inoltre permezz ta' din is-sentenza jrid mill-ġdid jitwassal messaġġ li reati bħal dak in kwistjoni jridu jibqgħu jkunu puniti severament. Għalhekk, salv għat-tnaqqis ta' sena priġunerija li, kif ingħad, ma setgħetx tiġi nflitta *ex lege*, il-piena sejra tibqa' fil-massimu possibbli skont l-artikolu 492(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**16.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Roger Agius għall-piena ta' wieħed u tletin sena priġunerija u minflok tikkundannah għal priġunerija għal

perijodu ta' tletin sena, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan li l-perijodu għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------